MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Numru. 1003/2012

**SPETTUR JESMOND MICALLEF**
**VS**
**FRANCIS VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Francis Vella ta’ 48 sena, bin George u Carmela nee’ Azzopardi, mwieled Msierah limiti ta’ San Giljan l- 1 ta’ Dicembru 1963, residenti Welcome, Flat 4, Triq Moroni, Gzira u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 68764M;

Talli nhar id- 9 ta’ Jannar 2011 ghal habta tas- 7.00am f’ dawn il- Gzejjer u cioe’ fi Triq il- Gnien, Gzira, waqt li kien qieghed isuq vettura tal- ghamla Renault 19 bin- numru tar- registrazzjoni CBA 198;
1) b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’

tharis tar- regolamenti, involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Andrea Borg hekk kif iccertifikat Dr J. P. Vella MD (Reg no. 3304) u kif ukoll feriti ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Antonia Borg hekk kif iccertifikat minn Dr Samantha Saliba MD (Med Reg no. 3318) tal- isptar Mater Dei'

2) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal- ghamla Renault 19 bin- numru tar- registrazzjoni CBA 198 b' manjiera traskurata;

3) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal- ghamla Renault 19 bin- numru tar- registrazzjoni CBA 198 b' manjiera perikoluza;

4) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal- ghamla Renault 19 bin- numru tar- registrazzjoni CBA 198 b' velocita' qawwija;

5) kif ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saq jew prova jsuq jew kellu l- kontroll ta' vettura bil- mutur jew vettura ohra li tkun u cioe' l- vettura tal- ghamla Renault 19 bin- numru tar- registrazzjoni CBA 198 fit- triq jew f' post pubbliku iehor meta ma kinx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

6) u finalment talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq, prova jsuq jew kien fil- kontroll ta' vettura bil- mutur jew vettura ohra u cioe' l- vettura tal- ghamla Renault 19 bin- numru tar- registrazzjoni CBA 198 fit- triq jew f' post pubbliku iehor wara li kien ikkonsma tant alkohol li l- proporzjon tieghu fin- nifs, fid- demm jew fl- urina kien izjed mil- limitu preskritt;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-griehi sofferti minn Andrea Borg kienu ta' natura gravi izda mhux permanenti taht l-Artikolu 218 tal-Kap 9;

Rat ghalhekk illi, ai termini tal-Artikolu 226(1)(b) tal-Kap 9, il-piena massima kienet dik ta' sitt xhur prigunerija, u allura l-kawza kienet wahda ta' gurisdizzjoni ordinarja tal- Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-perijodu ta’ preskrizzjoni kien ta’ sentejn, liema perijodu kien effettivament skada minghajr qatt ma kien gie notifikat l-imputat entro l-istess terminu;

**Ikkunsidrat;**

Din il- Qorti tiddikjara din il- kawza preskritta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------